C/2024/1353

6.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11447 — BRIDGEPOINT / NEXITY LAMY U ORALIA PARTENAIRES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1353)

1. Fis-26 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bridgepoint Group plc ("Bridgepoint") tar-Renju Unit,

— NEXITY Lamy u Oralia Partenaires, proprjetà sħiħa u kkontrollati minn NEXITY SA, Franza.

Bridgepoint se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Nexity Lamy u Oralia Partenaires kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Bridgepoint hija attiva fi-settur tal-investimenti għat-tkabbir tal-assi privati li mbagħad tinvestihom fl-ekwità privata u fid-dejn privat, b'enfasi fuq in-negozji ta' daqs medju f'erba' oqsma kummerċjali: (i) Prodotti Industrijali Avvanzati, (ii) Servizzi Kummerċjali u Finanzjarji, (iii) Konsumatur u (iv) Kura tas-Saħħa.

— NEXITY Lamy u Oralia Partenaires huma żewġ sussidjarji proprjetà sħiħa ta' NEXITY SA, li joperaw f'servizzi ta' proprjetà immobbli u servizzi ta' senserija tal-assigurazzjoni tal-proprjetà immobbli fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.11447 — BRIDGEPOINT / NEXITY LAMY U ORALIA PARTENAIRES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË